MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 1106/2006

Il-Pulizija
(spettur Jesmond J Borg)
vs
Raymond Mamo

Illum 19 ta' Ottubru 2006

IL-QORTI

Rat l-akkuza migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fit-18 ta' Ottubru 2006 ghal habta tas-1.30pm fi Triq il-Vittorja Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fil-vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni JET070 ghad-detriment ta' Kenneth De Martino, liema hsara tiskorri il-valur ta' hamsin lira maltin (LM50.00) imma mhux il-valur ta' hames mitt lira maltin (LM500.00) .

Semghet lill-akkuzat, fi stat bikri tal-proceduri, u minn jeddu, jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Issib lil-istess akkuzat hati talli fit-18 ta' Ottubru 2006 ghal habta tas-1.30pm fi Triq il-Vittorja Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fil-vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni JET070 ghad-detriment ta' Kenneth De Martino, liema hsara tiskorri il-valur ta' hamsin lira maltin (LM50.00), imma mhux il-valur ta' hames mitt lira maltin (LM500.00).

Rat il-fedina penali tal-akkuzat.
Rat l-artikolu 325 (1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li l-Qorti kkunsidrat l-obligazzjoni tal-akkuzat biex jaghmel tajjeb ghal hsarat skond kif verbalizzat ilum stess, kif ukoll l-isfond tal-kaz in ezami;
.
B'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

Tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

In oltre tapplika l-artikolu 532(a) tal-Kodici Kriminali.

Tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------